



2026/14

15.1.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 199/2025

tad-19 ta' Settembru 2025

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2026/14]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/2838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 40 (ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 46 (ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32024 R 2838:** Ir-Regolament (UE) 2024/2838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 (ĠU L, 2024/2838, 7.11.2024).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2024/2838 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

⁽¹⁾ ĠU L, 2024/2838, 7.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2838/oj>.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.